

Brussell, 31 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10455/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0068(COD)

SOC 405
EMPL 232
ECOFIN 613
EDUC 190
JEUN 122
CODEC 1371
IA 128

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships") - <i>Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships"). Id-Direttiva proposta għandha l-għan li ttejjeb u tinforza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li tiġġieled każijiet fejn it-traineeships jintużaw biex jaħbu relazzjonijiet ta' impjieg regolari. Il-proposta ġiet ippubblikata bħala pakkett flimkien ma' proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità msaħħa għat-Traineeships u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu l-objettiv tal-proposta u esprimew appoġġ għal inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa għal żmien konsiderevoli biex jiġu vvalutati l-impatt u l-konsegwenzi ta' din id-Direttiva fuq is-sistemi nazzjonali għalhekk, ħafna delegazzjonijiet

għad għandhom riżerva ta' skrutinju ġenerali - u xi wħud ta' skrutinju parlamentari - dwar il-proposta.

Taħt il-Presidenza Belġjana, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali Itaqa' fi tliet okkażjonijiet: id-9 ta' April, it-22 ta' April u s-27 ta' Mejju 2024. Il-Grupp ta' Ħidma ffinalizza l-eżami tal-proposta artikolu b'artikolu. Il-progress li sar jinsab fil-qosor fit-Taqsima II hawn taħt.

Skont il-bażi legali proposta, jiġifieri l-Artikolu 153(2)(b), flimkien mal-Artikolu 153(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill huwa mitlub jaġixxi mal-Parlament Ewropew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew għadu ma adottax il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA BELĠJANA

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali beda l-eżami tad-Direttiva proposta taħt il-Presidenza Belġjana fid-9 ta' April 2024, tliet ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tagħha. F'dik l-okkażjoni, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Direttiva u d-delegazzjonijiet kellihom l-opportunità li jagħmlu kummenti ġenerali u mistoqsijiet preliminari.

Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt li tkopri wkoll ir-Rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill. Fl-4 ta' April 2024 il-Presidenza Belġjana qasmet kwestjonarju dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt mad-delegazzjonijiet. Wieħed u għoxrin Stat Membru wiegħbu għall-kwestjonarju. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet analizzata u diskussa fil-fond fi Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-22 ta' April 2024. It-taqkira tal-evalwazzjoni u t-tweġibiet tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni tal-Impatt jinsabu fid-dok. 10456/24.

Il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-22 ta' April u s-27 ta' Mejju 2024 kienu ddedikati għall-eżami u d-diskussjoni dwar id-Direttiva proposta, sabiex jiġi żgurat li t-test tal-proposta jinftiehem aħjar. F'dawn l-okkażjonijiet, id-delegazzjonijiet qajmu l-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom, li ġew indirizzati mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta u d-definizzjonijiet ta' "traineeship" u "trainee".

III. KWISTJONIJIET EWLENIN DISKUSSI FIL-LIVELL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA

Kamp ta' applikazzjoni

Bosta delegazzjonijiet huma xettiċi dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, u jeħtieġu kjarifiki dwar liema tipi ta' trainees u liema tipi ta' traineeships jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta. Il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet sabiex tiċċara li l-*Kapitolu II: Trattament Ugwali tal-proposta* u l-*Kapitolu IV: Infurzar u miżuri ta' appoġġ* japplikaw għal trainees f'relazzjoni ta' impjieg, filwaqt li l-*Kapitolu III: Relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships* ikunu jeħtieġu li l-Istati Membri jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' relazzjonijiet ta' impjieg regolari de facto fost it-trainees kollha, inkluż dawk mingħajr relazzjoni ta' impjieg.

Anke wara l-isjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni, id-delegazzjonijiet għadhom kritiċi kontra partijiet tal-proposta li jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom trainees mingħajr relazzjoni ta' impjieg u traineeships li huma obligatorji għall-aċċess ta' ċerti professjonijiet jew li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali.

Definizzjonijiet

In-nuqqas ta' konsistenza bejn id-definizzjonijiet ta' "trainee" u "traineeship" ġie enfasizzat mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, peress li l-kunċett ta' "trainee" jirrikjedi l-eżistenza ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg, filwaqt li dan mhux il-każ fid-definizzjoni ta' "traineeship". Il-Kummissjoni saħqet li d-differenza fid-definizzjoni tirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni u ż-żewġ objettivi tad-Direttiva proposta.

Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet talbu aktar ċarezza biex tkun tista' ssir id-differenzjazzjoni bejn "traineeship" u "apprendistat".

Valutazzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships u miżuri ta' infurzar

Bosta delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar is-sussidjarjetà u kienu kritiċi dwar il-livell ta' dettall inkluż fid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli III u IV. Huma jargumentaw li l-awtoritajiet nazzjonali għandu jkollhom aktar flessibilità fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' infurzar. Barra minn hekk, il-valutazzjoni, il-kontroll u l-ispezzjoni tat-tipi kollha ta' traineeships jinvolvu żieda konsiderevoli fil-piż għall-ispettorati tax-xogħol li hija ta' tħassib għal għadd kbir ta' delegazzjonijiet.

Ir-rwol tas-sħab soċjali

L-importanza li tiġi rispettata d-diversità tas-sistemi nazzjonali, b'mod partikolari r-rwol u l-kompetenzi tas-sħab soċjali f'xi Stati Membri, ġiet enfasizzata minn xi delegazzjonijiet. Dan huwa tħassib orizzontali li jeħtieġ li jitqies fit-test kollu.

Proċeduri f'isem it-trainees jew b'appoġġ għalihom

Xi delegazzjonijiet kienu xettiċi dwar id-dispożizzjoni proposta biex ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jirrappreżentaw u jassistu lit-trainees fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi.

IV. KONKLUŻJONIJIET

Il-presidenza Belġjana rnexxielha tagħmel eżami fil-fond tad-Direttiva proposta. Il-laqgħat iddedikati tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali servew bħala opportunità għad-delegazzjonijiet biex jippreżentaw il-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom dwar il-proposta, inkluż bil-miktub. F'dawn l-okkażjonijiet, il-Kummissjoni pprovdiet aktar spjegazzjonijiet u kjarifiki dwar il-kwistjonijiet li qajmu d-delegazzjonijiet. Id-diskussjonijiet ikkontribwew ħafna għat-tiħiħ tal-fehim kondiviż tal-proposta.

Huma meħtieġa aktar ħidma u diskussjonijiet tekniċi biex jiġi ffinalizzat l-ewwel qari tal-proposta.